**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta’ Marzu 2025**

Rikors Numru: 559/24AL

AB

vs

C D

(M.R. Numru 2030/1998)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sebgha ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (7.11.1998), minn liema twieldu zewgt ulied u cioe' E D nhar is-sbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (17.06.2001) u F D fil-hamsa u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (25.11.2004) (Ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A).

Illi sussegwentement, il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (27/9/2017) (ara Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikončiljazzjoni bejniethom. Ai termini tal-istess kuntratt il-partijiet ddekadew milli jaghtu manteniment lill-xulxin. In kwantu ghall-ulied dawn illum il-gurnata huma maggorenni fejn il-minuri E ghandha 23 sena u l-minuri F ghandu 20 sena u ghadu jistudja fuq bazi full-time. It-tifel F huwa residenti mal-esponenti (ara Dok. C);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B et seq tal-Kodiċi Čivili;

Ghaldaqstant, I-esponenti umilment titlob li dina 1-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fiċ-Certifikat taż-Zwieġ tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment ichor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta li ġiet preżentata mill-intimat li permezz taghha ppremetta:

1. Illi l-esponent jirrileva illi mhux kontestat illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn seba' (7) snin kif jidher mill-kuntratt ta' seprazzjoni diġa ppreżentat in atti u mmarkat bhala Dok. B;

2. Illi l-esponent jikkonferma wkoll illi ulied il-partijiet illum il-ġurnata huma maġġorenni u kwalunkwe manteniment dovut lill-minuri F D, stante li dan ghadu jistudja full-time huwa pagabbli mir-rikorrenti direttament lilu;

3. Illi l-esponent jikkonferma li r-rikorrenti mhux obbligata tghaddi manteniment lill-esponent personalment;

4. Illi l-esponent jikkonferma wkoll illi m'hemm ebda ċans ta' rikončiljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk l-esponent ma jsib ebda oġġezzjoni illi jiġi ppronunzjat il-Ħall ta Zwieġ bejn il-partijiet.

Salv kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Dicembru 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Settembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.